**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 102/2012/1 CFF**

**Justin J Borg**
**Vs**
**Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizujud**

**Illum 21 ta' Jannar, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ipprezentat minn Justin Borg fid-19 ta' Mejju, 2010 quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, permezz ta' liema jikkontesta t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-hlas ta' taxxa fuq il-valur mizjud, multi amministrattivi u mghax ammontanti ghal €14,665.72 ghall-perjodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08, 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08 – 30.09.08, stante li skontu ma qalax l-ammont indikat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex, kif jirrizulta minn dokumentazzjoni opportuni, huwa qala ammont ferm inqas minn dak determinat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jeccepixxi illi:

(i) Ghalkemm ir-rikorrent istitwixxa l-proceduri odjerni permezz ta' Formola B, l-argumenti u sottomissjonijiet tieghu ma jaqawx that l-Artikolu 44 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta izda jaqghu that l-Artikolu 43 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Nonostante cio' u fid-dawl ta' sentenza pronuncjati mill-Qorti tal-Appell, mhux se jqajjem l-eccezzjoni tan-nullita' tal-proceduri odjerni minhabba l-uzu tal-Formola B flok il-Formula A;

(iii) L-appell huwa tardiv stante li ma giexipprezentat entro t-terminu ta' tletin jum mid-data tan-notifika tal-istima hekk kif provdut fl-Artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Ghaldaqstant l-appell huwa rritu u null;

(v) Fil-meritu u bla pregudizzju, l-istimi huma korretti kemm fil-fatt u kif ukoll fil-Ligi u ghaldaqstant jisthoqq li jigu kkonfermati.

Rat b'li b'rikors ipprezentat fl-14 ta' Novembru, 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi talab li jissoleva eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal biex jisma' u jiddetermina t-talba tar-rikorrent stante li qabel ma kienu gew intavolati l-proceduri odjerni huwa kien lahaq hareg Talba ghall-Hlas fil-konfront tar-rikorrent datata 28 ta' April, 2010, liema Talba ghall-Hlas giet notifikata lir-rikorrent fit-3 ta' Mejju, 2010. Ra li ghalkemm tali talba giet milqguha b'digriet moghti fl-24 ta' Novembru, 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi baqa' ma ressaqx b'mod formali tali eccezzjoni ulterjuri dwar in-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datat 14 ta' Marzu, 2017 fejn espona:

1. Illi l-esponenti nghata d-dritt li jresssaq din ir-risposta permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Frar, 2017;

2. Illi t-talba tar-rikorrenti sabiex jikkontesta l-ammont minnu dovut lill-Kummissarju ma tistax tintlaqa' u ghandha tigi michuda u dan in kwantu r-rikorrent m'ghandux id-dritt li jikkontesta tali ammont f'dan l-istadju u quddiem din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi kif gia deciz mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva nhar it-8 ta' Novembru, 2016, permezz ta' liema decizjoni l-atti gew rinvjati quddiem din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent kien gie notifikat bi tlett stimi mahruga mill-Kummissarju intimat, pero' ghalkemm ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal (tar-Revizjoni Amministrattiva)*", ir-rikorrenti ghazel li ma jaghmilx uzu mir-rimedju moghti fil-ligi u ma ntavola l-ebda appell;

4. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti kien f'posizzjoni u kellu kull opportunita' li jikkontesta *a tempo vergine* l-istejjem mahruga fil-konfront tieghu ai termini ta-Artikolu 31 tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamlux;

5. Illi kull kwistjoni rigwardanti l-istejjem mahruga taqa' fil-masjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u dejjem bid-dovut rispett, mhux ta' din l-Onorabbli Qorti, li ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal, pero' kif gia inghad ir-rikorrent ghazel li ma jappellax fit-terminu moghti fil-ligi u ghalhekk, kif gia inghad anke fis-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, l-Kummissarju ghandu favur tieghu titolu ezekuttiv bis-sahha tat-Talba ghall-Hlas mahruga minnu fil-konfront tar-rikorrent;

6. Illi ghalhekk, dejjem bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno u gia la darba ma sar l-ebda appell fil-konfront tal-istejjem imsemmija fit-terminu moghti fil-ligi, ma

tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini tal-istess stejjem;

8. Illi gia la darba r-rikorreni kellu l-opportunita' li jikkontesta l-istejjem ai termini tal-ligi pero' ghazel li jibqa' sieket, ma jistax jikkontesta l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv fil-konfront tar-rikorrenti;

9. Illi dak li se mai seta' jittenta jikkontesta r-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti hi l-validita' o meno tat-titolu ezekuttiv li l-esponenti ghandu f'idu, pero' din mhix l-kawzali jew it-talba mressqa permezz tal-procedura odjerna. Il-kawza kif imressqa mir-rikorrent hi intiza sabiex tattakka l-ammont dovut u l-istejjem, izda kif gia eccepit supra, dan ma jistax isir permezz tal-procedura odjerna quddiem din l-Onorabbli Qorti;

10. Illi ghalhekk it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**Justin Borg**, jghid li ilu jahdem fil-gebel ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena u peress li l-bicca l-kbira kien jahdem ghal rasu, ma kienx hemm bzonn ta' returns tal-VAT, izda meta wasal iz-zmien li kellu jibda' jaghmilhom, dawn kienu jaghmilhomlu certu wiehed Luke Coppini mid-dar tieghu gewwa n-Naxxar. Kien hemm okkazzjoni fejn iltaqa' ma certu Nigel Abela li huwa accountant u jahdem gewwa d-Dipartiment tal-VAT u sahansitra joqghod il-Bahrija fejn kien joqghod Justin Borg u dan Nigel Abela offra lil Justin Borg li jibda jiehu hsieb jaghmillu l-karti hu. Ghalhekk Justin Borg ma baqax juza lil Luke Coppini u beda jinqeda b'Nigel Abela peress li joqghodu vicin xulxin. Minn xi 2007 Justin Borg beda jghaddi kull karta li beda jircievi mill-VAT lil Nigel Abela. Justin Borg kien ircieva karta minghand id-Dipartiment tat-Taxxi fejn talbuh ihallas somma kbira ta' flus u Nigel Abela kien jghid lil Justin biex dawn il-karti jghaddihom lilu u ma jaghtix kazhom. Gara pero' li dawn il-karti Nigel Abela ma kienx jghaddihom lid-Dipartiment tat-Taxxa, ghaliex l-Ispettur Gafa' kien cempel lil Justin Borg sabiex jinzel id-Depot u jigi mitkellem u dawn il-karti rahom kollha quddiem l-Ispettur. Fuq dawn il-karti Justin Borg ra firem li ma kienux tieghu izda kkonferma li l-karti kienu l-istess karti li hu ghadda lil Nigel Abela. Justin Borg spicca mitkellem mill-Pulizija stante li Nigel Abela kien qed jigi nvestigat talli ffroda nies ohra. Justin Borg rega' kellem lil Luke

Coppini sabiex jerga' jibda jghinu bil-karti tat-Taxxi u dan Coppini nfurmah li Justin Borg kellu jhallas ammont ta' €29,072.11 lid-Dipartiment tat-Taxxi f'certu zmien, liema zmien kien ghadda. Justin Borg ibati biex jikteb u jaqra izda Luke Coppini ghinu biex jikteb ittra u jibda l-proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stante li dan l-ammont ma kienx dovut. Maggoranza tal-membri fuq il-Bord qablu ma Justin Borg u Luke Coppini li dan l-ammont ma kienx dovut.

**Luke Coppini**, jahdem bhala Accountant ma grupp Germaniz li jopera minn Malta. Jispjega li omm u missier Justin Borg kienu gew lura Malta mill-Awstralja u hu kien jiehu hsieb il-kotba ta' missieru li kien jahdem ta' plumber u electrician. Meta Justin Borg rama ghal rasu, missier Justin talab lil Coppini jiehu hsieb il-karti ta' Justin ukoll. Justin ma kienx bniedem organizzat u kien imur b'baskett tal-grocer mimli karti ghand Luke Coppini biex dan tal-ahhar jara x'inhuma dawn il-karti. La darba dawn il-karti kienu gew organizzati minn Luke Coppini, Coppini kien jghidlu biex jerga' jigi ghal karti u Justin Borg kien imur xi xahar wara. Peress li Justin Borg ma kienx jaf jikteb u jaqra, kien jiddependi minn nies. Justin Borg waqaf imur ghand Luke Coppini ghal habta tal-2005 jew 2006 u rega' tfaccca fl-2007 meta gie b'VAT assessment ta' bejn €25,000 u €30,000. Justin Borg spjegalu li kien qed jghaddi l-karti lil certu Nigel Abela li jahdem il-VAT sabiex jghaddihomlu hu. Luke Coppini ghen lil Justin Borg jimla formola tal-Appell.

**Joseph Attard**, huwa manager fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jghid li Justin Borg huwa debitu tal-Kummissarju tat-Taxxi fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf tlett mija u sittin Ewro u hdax il-centezmu (€21,360.11) li jikkonsistu f'taxxa, penali amministrattivi u mghaxijiet. Fit-8 ta' Jannar, 2010, id-Dipartiment tal-VAT bghat ittra flimkien ma tlett stimi provizorji li gew notifikati lil Justin Borg fit-12 ta' Jannar, 2010 fejn kellu tletin gurnata sabiex jikkontesta jekk ried. Fl-4 ta' Marzu, 2010, id-Dipartiment hareg tlett stimi finali ghal perjodi 01/01/08 – 31/03/08, 01/04/08 – 30/06/08, 01/07/08 – 30/09/08 permezz ta' liema, id-Dipartiment kien qed jesigi hlas minn Justin J. Borg fl-ammont ta' disgha u ghoxrin elf u tnejn u sebghin Ewro u hdax il-centezmu (€29,072.11) u dan tal-ahhar gie notifikat b'dawn l-istimi nhar id-9 ta' Marzu, 2010. Fid-9 ta' Marzu, 2010 skattaw it-tletin (30) gurnata fejn Justin J. Borg seta' jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. Jekk ma jsirx Appell, l-istimi jsiru finali u konklussivi. La darba ghaddew it-tletin (30) gurnata, id-Dipartiment tal-

VAT bghat nota ta' talba ghal hlas ghall-ammont ta' erbatax il elf sitt mija hamsa u sittin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€14,665.72) liema nota giet notifikata lil Justin fit-3 ta' Mejju, 2010. L-ewwel darba li Justin Borg intavola xi proceduri kienu iktar minn xahrejn wara li gie notifikat bl-istimi. Jghid li Justin Borg ikkontesta l-valur rikjest minnu u mhux il-procedura jew in-notifika tal-istimi liema kontestazzjoni kellha ssir biss quddiem it-Tribunal wara li ntavola appell.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara sentenza mghotija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva fit-8 ta' Novembru 2016, kien iddecieda li ma kienx kompetenti sabiex jitratta u jiddeciedi t-talba avvanzata mir-rikorrent permezz tar-rikors prezentat fid-19 ta' Mejju 2010. Konsegwentament minn tali decizjoni gie ordnat li l-atti ta' dawn il-proceduri jigu trasferiti quddiem il-Qorti tal-Magistrati sabiex tiehu konjizzjoni tal-istess.

Bil-proceduri li tressqu quddiem it-Tribunal, ir-Rikorrent kien ikkontesta stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.01.08-31.03.08 u 01.04.08-30.06.08 u 01.07.08-30.09.08 in bazi ghall-aggravju li huwa ma qalax l-ammont indikat mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex dak li attwalment qala huwa ferm inqas mill-ammont determinat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, illum Kummissarju tat-Taxxi, kien oppona ghall-appell tar-Rikorrent u talab li jigi michud stante li huwa rritu u null in kwantu pprezentat oltre t-terminu ta' tletin gurnata prefiss fl-Artikolu 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appell min-naha ta' Justin Borg kien rigward hrug ta' stimi li nhargu minn naha tad-Dipartiment tal-VAT fejn ma qabilx fuq l-ammont mitlub. Illi fl-appell quddiem dak il-Bord kien inghad li Justin Borg kien ghadda dokumenti relattivi lil terza persuna sabiex tiehu hsieb l-affarijiet tieghu izda kien hemm investigazzjoni kriminali ghaddejja fuq din il-persuna. Illi mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, il-konvenut Kummissarju dejjem qajjem il-kwistjoni li l-appell kien tardiv.

Mill-atti processwali jirrizulta li bhala fatt il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg tlett stimi provizzorji fil-konfront tar-Rikorrent kif inghad hawn fuq. Il-konvenut

Kummissarju hareg tlett stimi provizorji fil-konfront tar-Rikorrent fit-8 ta' Jannar 2010 ghal perijodi indikati hawn fuq. Wara li kienu ghaddew it-tletin (30) jum mghoti mil-Ligi sabiex persuna tkun tista' tappella minn tali stimi, fl-4 ta' Marzu 2010 wara li kien skada t-terminu tal-appell, inhargu tlett stimi fejn ir-rikorrent kien gie notifikat bihom nhar id-9 ta' Marzu 2010. Ezatt fit-28 t'April 2010 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hareg Talba ghal Hlas fil-konfront tar-Rikorrent bil-konsegwenza li issa ghandu Titolu Ezekuttiv favur tieghu u dan taht dak li hemm fl-artikolu 59(2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-appell li sar quddiem it-Tribunal kien gie intavolat fid-19 ta' Mejju 2010 ferm wara it-tletin (30) gurnata. Illi ghalhekk appell minn tali stimi f'dak l-istadju ma setax isir ghax kien jesorbita l-kompetenza tat-Tribunal.

Illi fil-fatt matul il-proceduri quddiem it-Tribunal tqajjmet il-kwistjoni tal-kompetenza ta' dak it-Tribunal sabiex jisma l-kaz stante ghal fatt li kienet inharget Talba ghal Hlas taht l-artikolu 59(2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi fil-fatt, it-Tribunal fid-decizjoni tieghu dahal fuq din il-kwistjoni *ex officio* minhabba n-nuqqas ta' kompetenza o meno tal-istess Tribunal. Illi minhabba li l-kompetenza tat-Tribunal hija regolata minn dak li hemm fl-artikoli 43 u 44 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi gialadarba inhareg it-Talba Ghal Hlas taht dak li hemm fl-Artikolu 59(2) tal-Kap 406 allura it-Tribunal ma ghadx ghandu kompetenza jisma l-kaz stante li hawn si tratta ta' titolu esekuttiv. Illi ghalhekk l-unika rimedju li kien baqa' ghar-Rikorrent huwa li jattakka t-Titolu Ezekittiv mahrug taht l-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Kompetenza:**

Illi minn dak li hemm fl-artikoli 43 u 59(2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta jirreferi ghal zewg sitwazzjonijiet distinti minn xulxin izda marbutin ma' xulxin. Illi taht dak li hemm fl-artikolu 43 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu jisma l-kwistjonijiet fejn jaqghu affarijiet dwar hrug ta' stimi. Illi mill-fatti li nhargu f'dan il-kaz, l-istimi li nhargu gew kontestati izda skont il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud l-appell kien tardiv u ma jaqax taht il-kompetenza ta' din il-Qorti tal-Magistrati. Illi jkompli l-Konvenut Kummissarju li f'dan l-

istadju r-Rikorrent ma jistax jattakka dak li huwa dovut minhabba l-fatt li meta inhargu l-istejjem huwa dahhal appell li kien tardiv.

Illi hawnhekk il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud ghandu ragun u dan ghal fatt li huwa car li l-artikolu 43 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm hrug ta' stimi, huwa t-Tribunal li jaqta' u jiddeciedi appelli u mhux din il-Qorti. Illi fil-fatt dak li hemm fl-artikolu 43 tal-Kap 406 jghid espressament li:

> ***43.*** *Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal.*

Illi ghalhekk zgur mhux din il-Qorti li ghanda tisma appell wara l-hrug ta' stima minn naha tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud izda hija l-kompetenza tat-Tribunal relattiva biex jisma kawzi ta' din ix-xorta. Illi kwalunkwe appell min tali hrug ta' stimi ghandu jsir quddiem it-Tribunal u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tesercita funzjoni li l-Ligi ma taghtix. Illi ghalhekk din il-Qorti taqbel ma dak li ntqal mill-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud fir-risposta tieghu tal-14 ta' Marzu 2017.

Illi pero din il-kwistjoni tqajjmet minhabba l-hrug ta' Talba ghal Hlas u ghalhekk l-istess Tribunal f'dak li hemm provdut fl-artikolu 7 tal-Kap 490 tal-Ligijiet ta' Malta m'ghandux dik il-kompetenza li jisma l-kaz wara l-hrug tat-Talba ghal Hlas. Illi dan il-fatt huwa marbut li l-hrug ta' Talba ghal Hlas huwa meqjus bhala Titolu Ezekuttiv ghal dak li hemm fl-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk japplika dak li hemm fit-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi ghalhekk dak li hemm fl-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar hlas ta\` taxxa u penali amministrattiva fejn jghid hekk: –

> ***59.*** *(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*
>
> *(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-*

*mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.*

*(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f 'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.*

Illi stabbilit li f'dan il-kaz din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu dwar jekk fil-fatt l-istejjem mahruga mill-konvenut Kummissarju kienux dovuti jew le, ghaliex dan il-mertu hija kompetenza tat-Tribunal kif inghad hawn fuq. Wara l-hrug tat-Talba ghal Hlas mill-konvenut Kummissarju trid tingieb dik il-prova kuntrarja li l-ammont mhux dovut ghal dak li hemm fl-artikolu 59 tal-kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi kif inghad hawn fuq il-kompetenza ta' din il-Qorti hija li tisma dawk il-fatti u provi fuq il-kwistjoni tat-Titolu Ezekuttiv mahrug fil-konfront tar-Rikorrent. Illi ghandu jigi spjegat li fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*"(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta` l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*
*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, `jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta` l-attur hija sostenuta` – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*
*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta` l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet.*

*Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju `n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*
*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu."*

Illi huwa ghalhekk li l-ligi torbot lill-parti f`kawza li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (Art. 559 tal-Kap 12). Illi inghad ukoll li

*"... Iżda dak li jgħodd f`kawża m`huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f`kawża ...ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b`għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu `favur` il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed `favur` parti jew `kontra` oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)"*

Illi fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**Chef Choice Limited vs Raymond Galea et**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk :-

*"... Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju.*

Illi fl-istess sentenza tghid hekk:

*...fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista` toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta` xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi*

Illi in sostenn ma' dak li ntqal hawn fuq l-attur jrid issa juri li l-ammont f'dak li hemm fit-Titolu Ezekuttiv wara li harget it-Talba ghal Hlas mahruga mill-konvenut Kummissarju. Illi mill-fatti li ghandha quddiema din il-Qorti tara li l-attur ma ressaq ebda prova li juri li dan l-ammont mhux dovut. Illi fl-affidavit tar-Rikorrent (a fol 14) jaghmel referenza ghal kwistjoni li kien hemm ma' terza persuna. Illi ghalkemm huwa

esebixxa stqarrija li kien irrilaxxa lil Pulizija dwar il-kaz, huwa naqas milli jressaq lil dan Nigel Abela li semmieh kemm il-darba li kienet il-persuna li suppost qieghda tiehu hsieb l-affarijiet tieghu. Lanqas ma ressaq prova dwar xi ammont li huwa kellu jaghti u mhix dak indikat fit-talba ghal Hlas. Illi din il-prova kellha tinkombi fuq l-istess attur izda f'dan il-kaz ma ressaq xejn hlief supposizzjonijiet u xejn aktar. Din il-Qorti setghet biss tidhol fuq il-kwistjoni tat-Titoli Ezekuttiv izda jidher anki mill-istess affidavit tar-Rikorrent baqa' jattakka l-istejjem mahruga u mhux il-hrug tat-Talba ghal Hlas. Illi minkejja dan, dak li qal l-istess xhud imressaq mill-istess Rikorrent u cioe' Luke Coppini meta xehed fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2018 li r-rikorrent kien diga tard biex iressaq appell fuq l-istimi mahruga. Illi ebda prova in sostenn ma tressqet fuq l-ammont mahrug mill-konvenut Kummissarju fuq it-talba ghal Hlas li ma kienx dovut ma ngiebet.

**Decide:**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif gej:**

**1. Tilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju konvenut;**

**2. Tichad it-talbiet tal-attur.**

**Spejjez tal-kawza a karigu tal-attur.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**